IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru66 (sitta u sittin) tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tlieta, 9 t' Ottubru, 2018, fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Anthony Valvo |
| Viċi Sindku | Neil Attard |
| Il- Kunsilliera | Mary Doris Borg |
| | Antonia Buttiġieġ |
| | Joseph Azzopardi |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

66.1. Item Nru 66.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.

64.1.1 Il-Laqgħa bdiet fil-5.35pm u u kulħadd kien preżenti

66.2 Item Nru 66.2 fuq l-Aġenda – Qari u approvazzjoni tal-minuti

66.2.1 Minuti ttieħdu bħala moqrija u ġew approvati unanimament.

66.3 Item Nru 66.3 fuq l-Aġenda – Komunikazzjoni mis-Sindku

66.3.1 Recreational centre – Is-Sindku qal l-cameras ġew installati u qed jidru online ukoll. Ix-xogħol fuq il-madum ser jibda fil-ġimgħat li ġejjin billi jġibu it-torba u r-ramel u l-madum. Għalhekk sal-laqgħa li jmiss ser ikun beda. L-aluminium tal-faċċata lest ukoll għand is-supplixxitur u ser jibda jitwaħħal fil-ġimgħat li ġejjin.

Ix-xogħol tad-dawl u ilma issa lest ukoll u ġie ittestjat. Għalhekk ser ikun jonqos li infakkru lil Schembri Barbros biex iwaħħal is-sockets u l-aċċessorji li għandna fil-kuntratt.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21696669
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

66.3.2 Rampa Sports Complex – Is-Sindku qal li il-BOQs lesti u għalhekk ser tinħareġ it-tender. Flimkien mar-rampa ser ikollna wkoll il-konkos ta' quddiem il-ħall.

66.3.3 *Jogging Track* – Is-Sur Valvo qal li laqgħa mas-CEO ta' Sports Malta Mark Cutajar fejn dan għogbitu l-proposta bil-BOQ li ilaħħqu s-€700,000. Is-Sur Cutajar qalilna li ser jibblokkja dan l-ammont fil-budget tagħhom.

66.3.4 Gal xlokk – Is-Sindku qal li nhar is-17 ta' Ottubru ser tagħlaq l-applikazzjoni tal-GAL Xlokk u għalhekk is-Segretarju ser japplika għall-fondi massimi ta' €57k imbgħad il-Kunsill joħroġ il-ko-finanzjament ta' 20%. Kulħad qabel ma dan.

66.3.5 ATM – Is-Sur Valvo qal li tkellimna mal-BOV mas-Sur Joseph Muscat u qalilna li jaf żgur hu li ser issir waħda Smart City. Il-Kunsill ma jaqbilx għaliex mhux fix-Xgħajra u għalhekk erġajna pproponejna li ssir waħda fix-Xgħajra.

66.3.6 Evaluation Board Tender Knis – Dwar dan it-tender il-Kunsill qabel li ma jaġġudikahx u terġa tinħareġ is-sejħa minħabba li l-prezz huwa għoli.

66.3.7 Separazzjoni ta' skart – Is-Sindku qal li l-iskeda l-ġdida ser tibda minn nhar il-31 t' Ottubru u tajjeb li kulħadd imexxi l-kelma. Il-Kunsill diġa qiegħed jippublika l-avviżi fuq il-medja soċjali. Il-Kunsill qabel li itella' laqgħa ta' informazzjoni nhar is-26 t' Ottubru għar residenti fejn ikunu jistgħu jitqassmu wkoll il-kontenitur tal-organic.

66.3.8 SSTP – Is-Sur Valvo qal li minħabba li ma kellnix laqgħat dan l-aħħar nitolbu laqgħa sabiex naraw kif inhu għaddej ix-xogħol ta' manutenzjoni.

66.3.9 Maniġġjar tat-traffiku – Is-Sur Valvo qal li l-humped zebra ta' Dawret ix-Xatt għadna qed nistennew lil TM biex jagħmluha.

Rigward il-Belishia light ta' Triq il-Fortizza tal-Grazzja is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Koptasin infurmawna li ser isiru wara t-23 t' Ottubru minħabba ħafna xogħol pendenti.

66.3.10 Librerija – Is-Sur Valvo qal li qed isir ftehim mal-Librerija pubblika sabiex tagħna tiġi amalgamata mas-sistema nazzjonali fejn ikollna aċċess għad database tal-kotba fil-libreriji kollha ta' Malta. Ser isir ukoll eżerċizzju ta' *weeding* sabiex jitneħħew kotba antiki u jinġiebu kotba ġodda.

66.3.11 Van tal-Kunsill – Saret diskussjoni dwar il-van tal-Kunsill li jinsab fi stat ħażin inkwantu ta' body. Minħabba li dan imissu l-VRT u li mhux ser jgħaddi il-Kunsill qabel li nibdew infittxu stimi għal van ieħor.

66.3.12 Kirja tal-Librerija – Is-Sindku qal li l-kuntratt li għandna tal-kirja ser jiskadi f'April tal-2019 u is-sid avżana li hu kuntent bina pero jixtieq li jgħolli l-kirja. Għalhekk wara diskussjoni l-Kunsill qabel li naccettaw iż-żieda u ma namluhx itwal minn tlett snin.

66.3.13 Laqgħa Pulizija – Is-Sindku qal li nhar is-16 t' Ottubru ser niltaqgħa mal-Ispettur il-ġdida għalhekk min jixtieq jattenti jista jigi fl-10am.

66.4. Item Nru. 66.4 fuq l-Aġenda – Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

66.4.1 Is-Sinjura Buttiġieġ staqsiet jekk tistax issir MC bay fi Triq il-Fabbriki bejn numru 52 u 54 ghaliex hemm post vojt.

66.4.2 Is-Sinjura Buttiġieġ qalet li tkellmet ma xi ħadd minn tal-public works dwar il-ħadid tax-xatt u staqsiet jekk tistax tgħidlu biex jiġi jagħmilhom għaliex qallha li filkas jiġi l-ġimgħa d-dieħla.

66.4.3 Is-Sinjura Buttiġieġ staqsiet jekk nistgħu niżirgħu xi siġar fil-Belveder minħabba li hemm xi fondi a disposizzjoni minn għand is-Segretarju Parlamentari Silvio Parnis. Is-Sindku wieġeb fil-posittiv.

66.4.4 Is-Sinjura Doris Borg staqsiet jekk nistgħux nerġgħu inkellmu l-xi ħadd mil-catamaran għaliex qed jerġa jidħol bi speed qawwi u jagħmel rima kbira. Is-Sindku wieġeb li hu f'kuntatt regolari mal-Harbour Master fejn dan suppost iwissihom.

66.4.5 Is-Sinjura Borg staqsiet x sar mit-talba għal bus shelter fi Triq Sant Elija. Is-Sindku qal li l-applikazzjoni saret mil-Kunsill pero irridu nibgħatu formalment lil Fr. Colin Apap dwar dik il-biċċa art.

66.4.6 Is-Sinjura Borg staqsiet jekk nistgħux intellgħu attivita tal-Milied għat-tfal. Is-Sindku qal li bħalissa hemm proposta biex intellgħu attivita mingħand Leon Promotions. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li tintlaqa' din il-proposta u naraw nistgħux nagħmlu oħra immirata għat-tfal. Is-Sindku qal ukoll li bħal kull sena din is-sena nerġgħu inżommu t-tradizzjoni tal-borża ta' San Martin. Kulħadd qabel ma' dan.

66.4.7 Is-Sur Attard staqsa fuq il-parti ta' fejn il-Milord max-xatt fejn jidher li hemm periklu. Is-Sindku qallu li sar studju u li ser nistaqsu fiex wasal il-progett.

66.4.8 Is-Sur Neil Attard staqsa fuq il-ħitan tas-sejjiegħ minn Triq Karmelo Ritchie għal Triq l-Iskola fejn dan qed jaqa'. Is-Sindku qallu li s-sissa għadna ma smajna xejn dwar l-appilkazzjoni ta' fondi li għamilna f' Ottubru 2017.

66.4.9 Is-Sur Joe Azzopardi staqsa jekk jistax jinqata l-qasab ta' Triq it-Torri t' Alof De Wignacourt kantuniera ma' Triq Dwardu Ellul. Is-Segretarju qallu li ser tiżdied mal-lista tax-xogħlijiet.

66.5. Item Nru 66.5 fuq l-Aġenda – Rapporti

66.5.1 Ġie ppreżentat ir-rapport tat-tieni kwart fejn ġie approvat b'astenzjoni waħda.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21696669
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

IX-XGĦAJRA

66.6. Item Nru. 66.6 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

66.6.1 Ix-Xogħol ġie diskuss aktar kmieni fil-laqgħa.

66.7. Item Nru. 66.7 fuq l-Aġenda – Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

66.7.1 Pagamenti b'numru 74 ġew approvati b'astenzjoni waħda.

66.8. Item Nru. 66.8 fuq l-Aġenda - Mozzjonijiet

66.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

66.9 Item Nru. 66.9 fuq l-Aġenda - Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

66.9 Il-laqgħa ntemmet fis-7.26pm

Aġġornament għal-nhar it-Tlieta 13 ta' Novembru, 2018 fil-5.30pm

Ranier Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Anthony Valvo
Sindku

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21696669
E-Mail xghajra.lc@gov.mt